SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tmien Awla)

1 ta' Awwissu 2025 *

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Trade marks – Direttiva (UE) 2015/2436 – Artikolu 10 – Drittijiet esklużivi tal-proprjetarju ta' trade mark irreġistrata sabiex jopponi l-użu minn terz ta' sinjal identiku għal jew li jixbah lil din it-trade mark – Azzjoni għal ksur– Limitazzjonijiet tad-drittijiet esklużivi tal-proprjetarju tal-imsemmija trade mark – Artikolu 9 u Artikolu 18(1) – Dekadenza minħabba tolleranza – Natura eżawrjenti tal-kundizzjonijiet li fihom din id-dekadenza tista' sseħħ – Inapplikabbiltà ta' prinċipju ġenerali tad-dritt nazzjonali li jipprevedi d-dekadenza tad-dritt li jiġi pprojbit l-użu ta' sinjal f'sitwazzjonijiet differenti minn dawk previsti f'dawn l-artikoli"

Fil-Kawża C-452/24,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Korkein oikeus (il-Qorti Suprema, il-Finlandja), permezz ta' deċiżjoni tas-26 ta' Ġunju 2024, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fis-26 ta' Ġunju 2024, fil-proċedura

Lunapark Scandinavia Oy Ltd

vs

Hardeco Finland Oy,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tmien Awla),

komposta minn S. Rodin, President tal-Awla, N. Piçarra u O. Spineanu-Matei (Relatriċi), Imħallfin,

Avukat Ġenerali: D. Spielmann,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għal Lunapark Scandinavia Oy Ltd, minn J. Hatanmaa, asianajaja,

– għall-Gvern Finlandiż, minn M. Pere, bħala aġent,

* Lingwa tal-kawża: il-Finlandiż.

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn P. Němečková, J. Samnadda u T. Sevón, bħala aġenti,

wara li rat id-deċiżjoni meħuda, wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li taqta' l-kawża mingħajr konklużjonijiet,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 10) tad-Direttiva (UE) 2015/2436 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2015 biex jiġu approssimati l-liġijiet tal-Istati Membri dwar it-trade marks (ĠU 2015, L 336, p. 1, rettifika fil-ĠU 2016, L 110, p. 5).

2 Din it-talba ġiet ippreżentata fil-kuntest ta' kawża bejn Lunapark Scandinavia Oy Ltd (iktar 'il quddiem "Lunapark") u Hardeco Finland Oy (iktar 'il quddiem "Hardeco"), dwar il-kummerċjalizzazzjoni minn din il-kumpannija tal-aħħar tal-prodotti tal-ħelu li jikser it-trade mark li tagħha hija proprjetarja Lunapark.

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

3 Il-premessa 10 tad-Direttiva 2015/2436 tistabbilixxi li:

"Huwa essenzjali li jiġi żgurat li t-trade marks reġistrati jgawdu l-istess protezzjoni taħt is-sistemi legali tal-Istati Membri kollha. […]"

4 L-Artikolu 9 ta' din id-direttiva, intitolat "Preklużjoni ta' dikjarazzjoni ta' invalidità minħabba tolleranza", huwa fformulat kif ġej:

"1. Fejn, fi Stat Membru, il-proprjetarju ta' trade mark preċedenti kif imsemmi fl-Artikolu 5(2) jew fl-Artikolu 5(3)(a) ikun ittollera, għal perijodu ta' ħames snin suċċessivi, l-użu ta' trade mark sussegwenti reġistrata f'dak l-Istat Membru filwaqt li kien konxju ta' tali użu, dak il-proprjetarju ma għandux ikun aktar intitolat, abbażi tat-trade mark preċedenti, li japplika għal dikjarazzjoni ta' invalidità tat-trade mark sussegwenti fir-rigward tal-oġġetti jew servizzi li għalihom ġiet użata t-trade mark sussegwenti, sakemm l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tat-trade mark sussegwenti ma kinitx saret in mala fede.

2. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu li l-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandu japplika għall-proprjetarju ta' kwalunkwe dritt ieħor preċedenti msemmi fl-Artikolu 5(4)(a) jew (b).

3. Fil-każijiet imsemmija fil-paragrafi 1 u 2, il-proprjetarju ta' trade mark sussegwenti reġistrata ma għandux ikun intitolat jopponi għall-użu tad-dritt preċedenti, anki jekk dak id-dritt ma jistax jiġi aktar invokat kontra t-trade mark sussegwenti."

5 L-Artikolu 10 tal-imsemmija direttiva, intitolat “Drittijiet mogħtija minn trade mark” jipprevedi:

“1. Ir-reġistrazzjoni ta’ trade mark għandha tagħti lill-proprjetarju drittijiet esklużivi b’rabta magħha.

2. Mingħajr preġudizzju għad-drittijiet tal-proprjetarji li jkunu nkisbu qabel id-data tad-domanda jew id-data ta’ prijorità tat-trade mark reġistrata, il-proprjetarju dik it-trade mark reġistrata għandu jkun intitolat li jimpedixxi li kull parti terza li ma jkollhiex il-kunsens tiegħu milli tuża fl-eżerċizzju tal-kummerċ, b’rabta ma’ oġġetti jew servizzi, kwalunkwe sinjal fejn:

(a) is-sinjal ikun identiku għat-trade mark u jintuża b’rabta ma’ oġġetti jew servizzi li huma identiċi għal dawk li għalihom ġiet irreġistrata t-trade mark;

(b) is-sinjal ikun identiku, jew simili, għat-trade mark u jintuża relattivament għal oġġetti jew servizzi li huma identiċi jew simili għall-oġġetti jew is-servizzi li għalihom ġiet irreġistrata t-trade mark, jekk teżisti l-probabbiltà ta’ konfużjoni min-naħa tal-pubbliku; il-probabbiltà ta’ konfużjoni tinkludi l-probabbiltà li ssir assoċjazzjoni bejn is-sinjal u t-trade mark;

(c) is-sinjal ikun identiku, jew simili, għat-trade mark irrispettivament minn jekk jintużax b’rabta ma’ oġġetti jew servizzi li huma identiċi, simili jew mhux simili għal dawk li għalihom ġiet irreġistrata t-trade mark, fejn din tal-aħħar ikollha reputazzjoni fl-Istat Membru u fejn l-użu ta’ dak is-sinjal mingħajr raġuni valida jikkostitwixxi vantaġġ inġust min-natura distintiva jew ir-reputazzjoni tat-trade mark jew huwa ta’ detriment għalihom.

[…]”

6 L-Artikolu 18 tal-istess direttiva, intitolat “Dritt ta’ intervent tal-proprjetarju ta’ trade mark reġistrata sussegwenti bħala difiża fi proċedimenti ta’ ksur”, jipprevedi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

“Fil-proċedimenti ta’ ksur, il-proprjetarju ta’ trade mark ma għandux ikun intitolat li jipprojbixxi l-użu ta’ marka reġistrata sussegwenti meta dik it-trade mark sussegwenti ma tiġix iddikjarata invalida skont l-Artikolu 8, l-Artikolu 9(1) jew (2) jew l-Artikolu 46(3).”

Id-dritt Finlandiż

7 Id-Direttiva 2015/2436 ġiet trasposta fl-ordinament ġuridiku Finlandiż permezz tat-tavaramerkkilaki (544/2019) (il-Liġi dwar it-Trade Marks (544/2019)), tas-26 ta’ April 2019, li daħlet fis-seħħ fl-1 ta’ Mejju 2019.

8 Skont l-Artikolu 5 tal-Liġi dwar it-Trade Marks, huwa pprojbit l-użu fil-kummerċ, mingħajr il-kunsens tal-proprjetarju tat-trade mark, fir-rigward ta’ prodotti jew ta’ servizzi, minn naħa, ta’ sinjal identiku għal trade mark irreġistrata jew akkwistata permezz tal-użu għal prodotti jew servizzi identiċi u, min-naħa l-oħra, ta’ sinjal li jista’ joħloq konfużjoni f’moħħ il-pubbliku, peress li huwa identiku jew simili għal trade mark miksuba permezz tar-reġistrazzjoni jew permezz tal-użu għal prodotti jew servizzi identiċi jew simili.

9 Skont l-Artikolu 6(1) tal-Liġi dwar it-Trade Marks, il-proprjetarju ta’ trade mark għandu d-dritt li jipprojbixxi l-użu ta’ sinjal, fis-sens tal-Artikolu 5 ta’ din il-liġi, b’mod partikolari billi jagħmel użu minn dan is-sinjal għal prodotti jew għal servizzi, billi jpoġġih fuq l-imballaġġ ta’ prodotti jew billi joffrih, iqiegħed fis-suq jew jimporta prodotti taħt l-imsemmi sinjal.

10 Skont l-Artikolu 15 tal-imsemmija liġi, dwar l-effett tal-inattività tal-proprjetarju tat-trade mark, id-dritt esklużiv mogħti minn trade mark għandu jinżamm, b'mod parallel ma' trade mark preċedenti, jekk ir-reġistrazzjoni tat-trade mark sussegwenti tkun intalbet f'*bona fide* jew jekk it-trade mark sussegwenti miksuba permezz tal-użu tkun intużat f'*bona fide* u jekk il-proprjetarju tat-trade mark preċedenti ma jkunx ħa miżuri sabiex jipprekludi l-użu tat-trade mark sussegwenti fi żmien ħames snin mill-mument li fih ikun sar jaf b'dan l-użu.

11 L-Artikolu 62 tal-istess liġi jipprevedi li, meta persuna tikser dritt esklużiv fuq trade mark, il-qorti tista', taħt piena ta' pagamenti ta' penalità, tipprojbixxiha milli tkompli jew tirrepeti l-att li wassal għal dan il-ksur.

12 Skont il-punt 1 tal-Artikolu 63(1) tal-Liġi dwar it-Trade Marks, il-qorti ma tistax tipprojbixxi l-użu ta' trade mark sussegwenti jekk il-proprjetarju tat-trade mark preċedenti kkonċernata jkun baqa' inattiv, fis-sens tal-Artikolu 15 ta' din il-liġi.

13 L-Artikolu 70 tal-imsemmija liġi jistabbilixxi t-terminu ta' preskrizzjoni tad-dritt għal kumpens u għad-danni għal ksur tad-dritt ta' trade mark u jipprevedi, fil-paragrafu 1 tiegħu, li kumpens u danni jistgħu jintalbu biss għall-perijodu ta' ħames snin qabel il-preżentata tal-azzjoni mressqa għal dan l-għan.

Il-kawża prinċipali u d-domanda preliminari

14 Lunapark hija l-proprjetarja tat-trade mark DRACULA ppreżentata fid-29 ta' Awwissu 2003 u rreġistrata fl-14 ta' Awwissu 2009 taħt in-numru 246144 għal prodotti tal-ħelu. Hija timporta u tqiegħed fis-suq Finlandiż tali prodotti li fuq l-imballaġġi tagħhom jidhru t-trade mark verbali DRACULA u sinjali figurattivi li jirrappreżentaw il-karattru ta' Dracula.

15 Qabel ir-reġistrazzjoni ta' din it-trade mark minn Lunapark, Karkkimies Oy – Candyman Ltd (iktar 'il quddiem "Karkkimies") kienet timporta u tqiegħed fis-suq prodotti tal-ħelu bis-sinjal Dracula. Karkkimies ma kellhiex, fuq is-sinjali li hija kienet tuża, ebda dritt esklużiv miksub permezz tar-reġistrazzjoni jew tal-użu u ebda ftehim dwar id-dritt ta' użu tat-trade mark DRACULA ma kien jeżisti bejnha u Lunapark.

16 Fil-31 ta' Ottubru 2019, Hardeco xtrat lil Karkkimies, li hija kompliet topera din tal-aħħar. B'hekk, minn Novembru 2019, Hardeco bdiet timporta u tqiegħed fuq l-imsemmi suq prodotti tal-ħelu li fuq l-imballaġġ tagħhom kien hemm il-kelma "Dracula" kif ukoll sinjali figurattivi li jirrappreżentaw il-karattru korrispondenti.

17 Fis-6 ta' Ottubru 2020, Lunapark ippreżentat rikors quddiem il-markkinaoikeus (il-Qorti tal-Affarijiet Ekonomiċi, il-Finlandja), li permezz tiegħu talbet lil din il-qorti tikkonstata li l-aġir ta' Hardeco kien jikser id-dritt esklużiv tagħha fuq it-trade mark DRACULA, li tipprojbixxi dan il-ksur u li tiġi kkumpensata għad-dannu li jirriżulta minnu.

18 Hardeco talbet li dan ir-rikors jiġi miċħud għar-raġuni, b'mod partikolari, li Lunapark kienet tilfet id-dritt tagħha li tressaq proċedimenti ta' ksur tat-trade mark DRACULA, minħabba n-nuqqas ta' attività tagħha. Hardeco allegat li hija llimitat ruħha li ssegwi prattika li ilha teżisti ta' Karkkimies, li Lunapark qatt ma opponiet għaliha.

19 Permezz ta’ sentenza tal-21 ta’ Diċembru 2022, il-markkinaoikeus (il-Qorti tal-Affarijiet Ekonomiċi) ikkonstatat li s-sinjal u t-trade mark kunfliġġenti kienu identiċi u użati għall-istess prodotti u li l-użu ta’ dan is-sinjal minn Hardeco kien joħloq f’moħħ il-pubbliku rilevanti probabbiltà ta’ konfużjoni mat-trade mark DRACULA. Din il-qorti qieset li l-użu parallel għal perijodu twil tal-istess sinjali minn Lunapark u Karkkimies ma kienx elimina dan ir-riskju, peress li dan l-użu ma kienx wassal lil dan il-pubbliku sabiex jiddistingwi l-ħelu importati minn waħda minn dawn il-kumpanniji minn dawk importati mill-oħra.

20 Madankollu, l-imsemmija qorti ċaħdet it-talbiet ta’ Lunapark. Fil-fehma tagħha, id-dispożizzjonijiet tal-Liġi dwar it-Trade Marks dwar il-konsegwenzi tal-inattività tal-proprjetarju ta’ trade mark ma kinux applikabbli f’dan il-każ, peress li Hardeco ma kellhiex dritt esklużiv fuq is-sinjali li hija kienet tuża. Madankollu, skont prinċipju stabbilit fil-parti l-kbira tiegħu fid-dritt privat Finlandiż, rikorrent għandu jressaq l-azzjoni tiegħu jew jinvoka d-dritt tiegħu fi żmien raġonevoli wara li jkun sar jaf jew kellu jkun jaf bil-fatti li fuqhom hija bbażata t-talba tiegħu. F’dan il-każ, l-inattività ta’ Lunapark damet tant żmien li wasslet għar-revoka tad-dritt tagħha li tressaq azzjoni għal ksur kontra Hardeco billi tinvoka d-drittijiet mogħtija mit-trade mark DRACULA. Il-fatt li s-sinjal inkwistjoni issa jintuża minn Hardeco minflok Karkkimies huwa irrilevanti, peress li l-attività ta’ Hardeco kienet tikkonċerna l-istess prodotti tal-ħelu bħal dawk imqiegħda fis-suq minn Karkkimies, li fir-rigward tagħhom Lunapark baqgħet inattiva.

21 Lunapark appellat mis-sentenza tal-markkinaoikeus (il-Qorti tal-Affarijiet Ekonomiċi) quddiem il-Korkein oikeus (il-Qorti Suprema), li hija l-qorti tar-rinviju.

22 Insostenn tal-appell tagħha, Lunapark issostni li l-prinċipju ġenerali tad-dritt privat, invokat mill-markkinaoikeus (il-Qorti tal-Affarijiet Ekonomiċi), ma jistax jiġi applikat f’dan il-każ, għaliex dan iwassal sabiex jirrestrinġi d-dritt esklużiv mogħti minn trade mark lill-proprjetarju tagħha, bi ksur tad-Direttiva 2015/2436. Barra minn hekk, Lunapark issostni li hija, fi kwalunkwe każ, aġixxiet f’terminu raġonevoli kontra l-aġir ta’ Hardeco, peress li l-inattività tagħha fil-konfront ta’ Karkkimies fl-ebda każ ma setgħet tibbenefika lil Hardeco. Min-naħa l-oħra, Hardeco tallega li ebda dispożizzjoni ta’ din id-direttiva ma tipprekludi li l-imsemmi prinċipju ġenerali tad-dritt privat japplika f’dan il-każ u li l-inattività tal-proprjetarju ta’ trade mark ikollha l-konsegwenzi previsti fuq id-dritt ta’ dan il-proprjetarju li jipprojbixxi l-użu ta’ din it-trade mark.

23 Skont il-qorti tar-rinviju, il-kwistjoni dwar jekk l-Artikolu 10(2) u (3) tad-Direttiva 2015/2436 jipprekludix l-applikazzjoni ta’ tali prinċipju għadha ma ġietx indirizzata fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja.

24 Din hija r-raġuni li għaliha din il-qorti tistaqsi jekk il-proprjetarju ta’ trade mark jistax, minħabba l-inattività tiegħu, jitlef id-dritt tiegħu li jipprojbixxi lil terz milli juża sinjal b’mod li jippreġudika jew li jista’ jippreġudika waħda mill-funzjonijiet ta’ din it-trade mark f’sitwazzjoni differenti minn dik tad-dekadenza minħabba tolleranza prevista mid-Direttiva 2015/2436.

25 F’dawn iċ-ċirkustanzi, il-Korkein oikeus (il-Qorti Suprema) iddeċidiet li tissospendi l-proċedura quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda preliminari segwenti:

“L-Artikolu 10 tad-Direttiva [2015/2436] jipprekludi l-applikazzjoni, f’tilwima dwar il-ksur ta’ trade mark, ta’ prinċipju nazzjonali li permezz tiegħu l-proprjetarju ta’ trade mark jista’, anki f’sitwazzjoni oħra għajr dik koperta mill-Artikolu 18(1) u mill-Artikolu 9(1) jew (2) tad-Direttiva 2015/2436, jitlef id-dritt tiegħu taħt l-Artikolu 10(2) u (3) tal-imsemmija direttiva li

jipprojbixxi lil terz milli juża sinjal li l-użu tiegħu jaffettwa jew x'aktarx li jaffettwa waħda mill-funzjonijiet tat-trade mark minħabba li wara li kien jaf bl-użu tat-trade mark, huwa ma talabx, fi żmien raġonevoli, li jipprojbixxi dan l-użu?"

Fuq id-domanda preliminari

26 Permezz tad-domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 10 tad-Direttiva 2015/2436 għandux jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi l-applikabbiltà ta' prinċipju ġenerali tad-dritt nazzjonali li jipprevedi d-dekadenza tad-dritt tal-proprjetarju ta' trade mark irreġistrata li jipprojbixxi l-użu minn terz ta' sinjal identiku jew simili għal din it-trade mark għal prodotti identiċi jew simili għal dawk li għalihom l-imsemmija trade mark ġiet irreġistrata, f'sitwazzjoni differenti minn dik imsemmija fl-Artikolu 18(1) ta' din id-direttiva, moqri flimkien mal-Artikolu 9(1) jew (2) tagħha.

27 Sabiex tingħata risposta għal din id-domanda, għandu jitfakkar, minn naħa, li, skont l-Artikolu 10(1) tad-Direttiva 2015/2436, ir-reġistrazzjoni ta' trade mark tagħti lill-proprjetarju tagħha dritt esklużiv fuqha. Konformement mal-Artikolu 10(2) ta' din id-direttiva, dan il-proprjetarju jista' jipprojbixxi lil kull terz, fl-assenza tal-kunsens tiegħu, milli juża, fil-kummerċ, sinjal identiku għal jew li jixbah lil din it-trade mark, meta l-kundizzjonijiet imsemmija fil-punti (a), (b) jew (c) ta' dan il-paragrafu 2 ikunu ssodisfatti.

28 L-Artikolu 10 tad-Direttiva 2015/2436 iwettaq armonizzazzjoni kompleta tar-regoli dwar id-drittijiet mogħtija mit-trade mark u jiddefinixxi l-kontenut materjali tad-drittijiet li jgawdu l-proprjetarji ta' trade marks fl-Unjoni (sentenza tas-27 ta' Ottubru 2022, Soda-Club (CO2) u SodaStream International, C-197/21, EU:C:2022:834, punt 33 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

29 Min-naħa l-oħra, l-Artikolu 18(1) tad-Direttiva 2015/2436 jillimita d-dritt tal-proprjetarju ta' trade mark li jipprojbixxi l-użu ta' trade mark irreġistrata sussegwentement, waqt proċedimenti ta' ksur, meta din it-trade mark sussegwenti ma tkunx ġiet iddikjarata invalida, b'mod partikolari, skont l-Artikolu 9(1) jew (2) ta' din id-direttiva, dwar id-dekadenza tal-applikant għal dikjarazzjoni ta' invalidità minħabba tolleranza.

30 B'mod konformi ma' din l-aħħar dispożizzjoni, meta l-proprjetarju ta' trade mark preċedenti ittollera, għal perijodu ta' ħames snin suċċessivi, l-użu ta' trade mark sussegwenti rreġistrata f'dak l-Istat Membru filwaqt li kien konxju ta' tali użu, huwa ma għandux ikollu iktar id-dritt, abbażi tat-trade mark preċedenti, li japplika għal dikjarazzjoni ta' invalidità ta' din it-trade mark sussegwenti, sakemm l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tat-trade mark sussegwenti saret f'*mala fide*.

31 Fir-rigward, b'mod partikolari, tad-dekadenza minħabba tolleranza matul proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, fil-punt 33 tas-sentenza tat-22 ta' Settembru 2011, Budějovický Budvar (C-482/09, EU:C:2011:605), li l-Artikolu 9 tal-Ewwel Direttiva tal-Kunsill 89/104/KEE tal 21 ta' Diċembru 1988 biex jiġu approssimati l-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar it-trade marks(ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 1, p. 92) li sar l-Artikolu 9 tad-Direttiva 2015/2436, iwettaq armonizzazzjoni kompleta tal-kundizzjonijiet li fihom il-proprjetarju ta' trade mark sussegwenti rreġistrata jista' jżomm id-dritt tiegħu fuq din it-trade mark meta l-proprjetarju ta' trade mark preċedenti identika jitlob dikjarazzjoni tal-l-invalidità ta' din it-trade mark sussegwenti.

32 Fid-dawl tal-fatt li kemm l-Artikolu 18(1) tad-Direttiva 2015/2436 kif ukoll l-Artikolu 9(1) jew (2) tagħha, li għalih tirreferi l-ewwel waħda minn dawn id-dispożizzjonijiet, jirrigwardaw kunflitt potenzjali bejn żewġ trade marks irreġistrati, din il-ġurisprudenza dwar id-dekadenza minħabba tolleranza matul proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità tista' tiġi trasposta għad-dekadenza minħabba tolleranza invokata fil-kuntest ta' azzjoni għal ksur imressqa kontra trade mark irreġistrata sussegwentement.

33 Konsegwentement, l-Artikolu 18(1) ta' din id-direttiva jwettaq armonizzazzjoni kompleta tal-kundizzjonijiet li fihom id-drittijiet esklużivi mogħtija minn trade mark jistgħu jiġu limitati fil-każ ta' inattività tal-proprjetarju tagħha, u jipprevedi biss, taħt ċerti kundizzjonijiet, it-tolleranza ta' trade mark sussegwenti rreġistrata, iżda mhux dik ta' sinjal mhux protett li ma jagħti ebda dritt esklużiv.

34 Issa, f'dan il-każ, kif jirriżulta mid-deċiżjoni tar-rinviju, minkejja l-fatt li l-użu tas-sinjal Dracula minn Karkkimies beda f'data preċedenti għal dik tar-reġistrazzjoni tat-trade mark DRACULA minn Lunapark, la Karkkimies u lanqas Hardeco ma kisbu dritt esklużiv fuq dan is-sinjal, la permezz ta' reġistrazzjoni u lanqas minħabba dan l-użu, fatt li madankollu għandu jiġi vverifikat mill-qorti tar-rinviju.

35 Huwa f'dan il-kuntest li, mingħajr ma tiġi kkontestata l-inapplikabbiltà fil-kuntest tal-azzjoni għal ksur fil-kawża prinċipali tal-Artikolu 18(1) tad-Direttiva 2015/2436, moqri flimkien mal-Artikolu 9(1) jew (2) ta' din id-direttiva, din il-qorti tistaqsi madankollu jekk limitazzjoni tad-dritt mogħti lill-proprjetarju tat-trade mark DRACULA li jopponi l-użu tas-sinjal Dracula setgħetx tkun ibbażata fuq prinċipju ġenerali tad-dritt nazzjonali li jipprevedi li l-inattività tal-proprjetarju ta' trade mark f'terminu raġonevoli twassal għad-dekadenza tad-dritt tiegħu.

36 F'dan ir-rigward, kif jirriżulta mill-motivi preċedenti u kif barra minn hekk isostni l-Gvern Finlandiż fl-osservazzjonijiet bil-miktub tiegħu, qorti nazzjonali ma tistax, fil-kuntest ta' tilwima li tirrigwarda d-dritt esklużiv mogħti minn trade mark, tillimita l-eżerċizzju ta' dan id-dritt lil hinn minn dak li huwa previst fl-Artikolu 18(1) tad-Direttiva 2015/2436, moqri flimkien mal-Artikolu 9(1) jew (2) tagħha.

37 Interpretazzjoni kuntrarja tal-Artikolu 10 tal-Artikolu 18(1) tad-Direttiva 2015/2436 tippreġudika l-għan li għadu jiġi segwit minn din id-direttiva li jikkonsisti b'mod partikolari, kif iddikjarat fil-premessa 10 tagħha, f'li jiġi żgurat li t-trade marks irreġistrati jkollhom protezzjoni uniformi fis-sistemi legali tal-Istati Membri kollha.

38 Fid-dawl tal-motivi kollha preċedenti, ir-risposta għad-domanda magħmula għandha tkun li l-Artikolu 10 tad-Direttiva 2015/2436 għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi l-applikabbiltà ta' prinċipju ġenerali tad-dritt nazzjonali li jipprevedi d-dekadenza tad-dritt tal-proprjetarju ta' trade mark irreġistrata li jipprojbixxi l-użu minn terz ta' sinjal identiku jew simili għal din it-trade mark għal prodotti identiċi jew simili għal dawk li għalihom l-imsemmija trade mark ġiet irreġistrata, f'sitwazzjoni differenti minn dik imsemmija fl-Artikolu 18(1) ta' din id-direttiva, moqri flimkien mal-Artikolu 9(1) jew (2) tagħha.

Fuq l-ispejjeż

39 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija dik il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) taqta' u tiddeċiedi:

L-Artikolu 10) tad-Direttiva (UE) 2015/2436 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2015 biex jiġu approssimati l-liġijiet tal-Istati Membri dwar it-trade marks

għandu jiġi interpretat fis-sens li:

jipprekludi l-applikabbiltà ta' prinċipju ġenerali tad-dritt nazzjonali li jipprevedi d-dekadenza tad-dritt tal-proprjetarju ta' trade mark irreġistrata li jipprojbixxi l-użu minn terz ta' sinjal identiku jew simili għal din it-trade mark għal prodotti identiċi jew simili għal dawk li għalihom l-imsemmija trade mark ġiet irreġistrata, f'sitwazzjoni differenti minn dik imsemmija fl-Artikolu 18(1) ta' din id-direttiva, moqri flimkien mal-Artikolu 9(1) jew (2) tagħha.

Firem